Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0542(COD)

24.6.2026

EMENDA
212

Abbozz ta' rapport
Assita Kanko
(PE788.869v01-00)

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna għall-perjodu mill-2028 sal-2034

Proposta għal regolament
(COM(2025)0542 – C10-0178/2025 – 2025/0542(COD))

Emenda 212
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Anness (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ANNESS
	MIŻURI TA' IMPLIMENTAZZJONI
	1. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv stipulat fl-Artikolu 3(1), il-punt (a), billi jiffoka fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni li ġejjin:
	(a) żieda fit-taħriġ, l-eżerċizzji u t-tagħlim reċiproku, programmi ta' skambju speċjalizzati u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fi u bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inkluż fil-livell lokali, u ma' pajjiżi terzi u atturi rilevanti oħra;
	(b) sfruttament tas-sinerġiji billi jinġabru flimkien ir-riżorsi u l-għarfien u jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri u atturi rilevanti oħra, inkluż is-soċjetà ċivili, permezz ta', pereżempju, il-ħolqien ta' ċentri konġunti ta' eċċellenza, l-iżvilupp ta' valutazzjonijiet tar-riskju konġunti, jew ċentri ta' appoġġ operazzjonali komuni għal operazzjonijiet immexxija b'mod konġunt;
	(c) l-akkwist ta' tagħmir rilevanti u l-istabbiliment jew it-titjib ta' faċilitajiet ta' taħriġ speċjalizzati u infrastruttura essenzjali oħra rilevanti għas-sigurtà sabiex jiżdiedu t-tħejjija, ir-reżiljenza, is-sensibilizzazzjoni pubblika u rispons adegwat fir-rigward tat-theddid għas-sigurtà.
	2. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv stipulat fl-Artikolu 3(1), il-punt (b), billi jiffoka fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni li ġejjin:
	(a) il-protezzjoni tal-entitajiet kritiċi

	minn inċidenti relatati mas-sigurtà billi jiġu identifikati, ivvalutati u mneħħija l-vulnerabbiltajiet.
	(b) l-akkwist ta' tagħmir rilevanti u l-istabbiliment jew it-titjib ta' faċilitajiet ta' taħriġ speċjalizzati u infrastruttura essenzjali oħra rilevanti għas-sigurtà sabiex jiżdiedu t-tħejjija, ir-reżiljenza u rispons adegwat fir-rigward tat-theddid għas-sigurtà;
	(c) l-istabbiliment, l-adattament u l-manutenzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u dawk deċentralizzati rilevanti għas-sigurtà, inkluż l-iżgurar tal-interoperabbiltà tagħhom, fejn rilevanti għar-rispons għall-kriżijiet u s-sistemi ta' komunikazzjoni kritiċi;
	(d) l-appoġġ għall-iżvilupp, l-ittestjar, l-użu u l-manutenzjoni ta' sistemi ta' komunikazzjoni siguri interoperabbli u mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tal-kriżijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri u bejniethom, inkluż sistemi li jiżguraw il-kontinwità tal-operazzjonijiet matul inċidenti relatati mas-sigurtà u kriżijiet fuq skala kbira;
	(e) it-tisħiħ tat-tħejjija, l-ippjanar tar-reżiljenza u l-kapaċitajiet ikkoordinati ta' rispons għall-kriżijiet tal-awtoritajiet kompetenti u tal-entitajiet kritiċi permezz ta' valutazzjonijiet tar-riskju, ippjanar ta' kontinġenza, eżerċizzji bbażati fuq xenarji u l-iżvilupp ta' protokolli operazzjonali komuni.
	3. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv stipulat fl-Artikolu 3(1), il-punt (c), billi jiffoka fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni li ġejjin:
	(a) l-iżgurar tal-applikazzjoni uniformi tal-acquis tal-Unjoni dwar is-sigurtà billi jiġi appoġġat l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti, pereżempju permezz ta' Prüm, il-PNR tal-UE u s-SIS II, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet minn mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità u

	ta' evalwazzjoni bħalma huma l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ ta' Schengen jew mekkaniżmi oħra ta' kontroll tal-kwalità u ta' evalwazzjoni;
	(b) l-istabbiliment, l-adattament u l-manutenzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u dawk deċentralizzati rilevanti għas-sigurtà, inkluż l-iżgurar tal-interoperabbiltà tagħhom, u l-iżvilupp tal-għodod xierqa sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati;
	(c) żieda fl-użu attiv ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE u dawk deċentralizzati rilevanti għas-sigurtà, billi jiġi żgurat li dawk is-sistemi jkunu pprovduti b'data ta' kwalità għolja;
	(d) appoġġ għall-miżuri nazzjonali rilevanti, inkluż l-interkonnessjoni tal-bażijiet tad-data nazzjonali rilevanti għas-sigurtà u r-rabta ta' dawk il-bażijiet tad-data mal-bażijiet tad-data tal-Unjoni, meta previst fil-bażijiet legali rilevanti, jekk rilevanti għall-implimentazzjoni tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3(1);
	(e) titjib fil-koordinazzjoni u żieda fil-kooperazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri u bejniethom, u ma' atturi rilevanti oħra, pereżempju permezz ta' networks ta' unitajiet nazzjonali speċjalizzati, networks u strutturi ta' kooperazzjoni tal-Unjoni, u ċentri tal-Unjoni;
	(f) titjib tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-livell tal-Unjoni bejn l-Istati Membri u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti, kif ukoll kooperazzjoni fil-livell nazzjonali fost l-awtoritajiet kompetenti.
	4. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv stipulat fl-Artikolu 3(1), il-punt (d), billi jiffoka fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni li ġejjin:
	(a) żieda fl-għadd ta' operazzjonijiet ta' infurzar tal-liġi li jinvolvu żewġ Stati

	Membri jew aktar, inkluż, fejn ikun xieraq, operazzjonijiet li jinvolvu atturi rilevanti oħra, b'mod partikolari permezz tal-iffaċilitar u t-titjib tal-użu ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunti, rondi konġunti, insegwimenti, sorveljanza diskreta u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni operazzjonali oħra fil-kuntest taċ-ċiklu ta' politika tal-UE, b'enfasi speċjali fuq operazzjonijiet transfruntiera;
	(b) titjib fil-koordinazzjoni u żieda fil-kooperazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri u bejniethom, u ma' atturi rilevanti oħra, pereżempju permezz ta' networks ta' unitajiet nazzjonali speċjalizzati, networks u strutturi ta' kooperazzjoni tal-Unjoni, u ċentri tal-Unjoni;
	(c) titjib tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-livell tal-Unjoni, bejn l-Istati Membri, u bejn l-Istati Membri u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, kif ukoll fil-livell nazzjonali fost l-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru;
	(d) sfruttament tas-sinerġiji billi jiġu miġbura flimkien ir-riżorsi u l-għarfien u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri u atturi rilevanti oħra, inkluż is-soċjetà ċivili, permezz ta', pereżempju, il-ħolqien ta' ċentri konġunti ta' eċċellenza, l-iżvilupp ta' valutazzjonijiet tar-riskju konġunti, jew ċentri ta' appoġġ operazzjonali komuni għal operazzjonijiet immexxija b'mod konġunt;
	5. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv speċifiku stipulat fl-Artikolu 3(1), il-punt (e), billi jiffoka fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni li ġejjin:
	(a) il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' miżuri, salvagwardji, mekkaniżmi u l-aħjar prattiki għall-identifikazzjoni bikrija, il-protezzjoni u l-appoġġ għal xhieda, informaturi u vittmi tal-kriminalità serja u organizzata u l-iżvilupp ta' sħubijiet bejn l-awtoritajiet pubbliċi u atturi rilevanti oħra

	għal dan l-għan;
	(b) l-appoġġ għall-istabbiliment, l-aċċessibbiltà u t-tisħiħ ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzati għall-vittmi tal-kriminalità serja u organizzata, inkluża l-assistenza psikoloġika, legali u soċjali, u l-iżgurar tal-aċċess għal servizzi infurmati dwar it-trawma, inkluż għal persuni vulnerabbli u tfal;
	(c) l-appoġġ għas-sensibilizzazzjoni, it-taħriġ u l-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità għall-awtoritajiet kompetenti u l-organizzazzjonijiet rilevanti dwar id-drittijiet tal-vittmi, l-approċċi ċċentrati fuq il-vittmi u l-prevenzjoni tal-vittimizzazzjoni sekondarja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri se jibbenefikaw mill-ħolqien ta' dan l-Anness I li se jservi bħala gwida għall-elaborazzjoni tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom u l-finanzjament ta' dawn il-pjanijiet taħt il-QFP, filwaqt li jiġi żgurat li l-Unjoni tuża l-fondi tagħha għall-azzjonijiet l-aktar meħtieġa biex tindirizza t-theddid attwali għas-sigurtà interna tal-Unjoni u biex iżżid il-kooperazzjoni transfruntiera.